# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 8**

**Ref.Kost numru 135/19/1 JZM**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ben Nasan Khaled Ibrahim**

1. L-Avukat Ġenerali appella minn sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar, 2020, wara referenza kostituzzjonali li ordnat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'digriet mogħti fid-29 ta' Lulju, 2019.

2. Il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri kienu s-segwenti:

i. Fit-12 ta' Ġunju, 2017, inbdew proċeduri kriminali kontra l-appellat Khaled M Ibrahim Ben Nassan talli ipprova jagħmel qligħ b'qerq ta' aktar minn €5000 għad-dannu ta' Neville Gafa jew persuni oħra, kif ukoll b'falsifikazzjoni ta' dokumenti.

ii. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi u beda l-istadju tal-provi tal-appellat. Fil-fatt fis-seduta tat-3 ta' Diċembru, 2018, xehed l-appellat.

iii. Fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2019, li saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-appellat ressaq bħala xhud lil Ivan Grech Mintoff.

iv. Waqt li kien qiegħed jixhed, il-Qorti ordnat lill-appellat sabiex permezz ta' nota jispjega xi prova jrid jagħmel bix-xhud Grech Mintoff.

v. Fis-6 ta' Marzu, 2019, l-appellat ippreżenta n-nota u spjega li fl-2016 ix-xhud kien infurmat li persuni mil-Libja kienu taw flus lil Neville Gafa sabiex jingħataw kura f'Malta. Ix-xhud kien irċieva offerti ta' flus u theddid sabiex ma jxandarx programm televiżiv li kien ser jagħmel fuq il-każ.

vi. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddeċidiet li Ivan Grech Mintoff ma kienx xhud ammissibbli għaliex *"mhux rilevanti għar-reati li bihom qed jiġi addebitat l-imputat"*.

vii. B'rikors ippreżentat fit-23 ta' April, 2019, l-appellat talab lill-Qorti sabiex tordna referenza kostituzzjonali sabiex ikun determinat jekk id-dritt għal smigħ xieraq jeħtieġx li Grech Mintoff jixhed.

viii. B'digriet mogħti fid-29 ta' Lulju, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali laqgħet it-talba. Id-domanda li saret minn dik il-Qorti hi sabiex ikun determinat jekk id-digriet tal-14 ta' Marzu, 2019, li bih Ivan Grech Mintoff ġie dikjarat bħala xhud inammissibbli, *"..... tilledix id-drittijiet tal-imputat sanċiti permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali"*.

3. Fis-sentenza tat-30 ta' Jannar, 2019, l-ewwel Qorti irraġunat:-

> *"Kif diga` rrizulta, il-Qorti tal-Magistrati kienet issospendiet id-deposizzjoni ta` Grech Mintoff, wara li kien beda jixhed, billi kien qed jidher li x-xiehda li kien ser jaghti kienet sejra tkun dwar grajjiet li sar jaf bihom meta kien qed jikkonduci investigazzjoni gurnalistika. Jidher illi l-investigazzjoni kienet tittratta materji li kienu jinvolvu lil Ben Nasan. Fil-fatt Grech Mintoff issemma fil-kors tal-gbir tal-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati kemm mill-Ispettur Rennie Stivala, kemm mill-Assistent Kummissarju Ian Abdilla u kif ukoll minn Ben Nasan stess meta xehdu. Jirrizulta wkoll li qabel Ben Nasan kien akkuzat, il-pulizija kienu kellmu*

*lil Grech Mintoff b`rabta mal-investigazzjonijiet li kienu jinvolvu lill-istess Ben Nasan.*

*Milli xehed l-Ispettur Rennie Stivala quddiem din il-Qorti jidher li x-xiehda ta` Grech Mintoff kienet sospiza mill-Qorti tal-Magistrati ghaliex tqies li kien qed jiddeponi b`mod li dak li qed jixhed kien jikkostitwixxi hearsay evidence. Daqstant dak li xehed l-Ispettur Stivala.*

*Wara li rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Grech Mintoff quddiem il- Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti tghid li Grech Mintoff kien ghadu fil-bidu tad-deposizzjoni tieghu fis-sens illi kien ghadu qieghed jaghti l-isfond tal-kwistjoni u ma kienx ghadu beda jixhed dwar il-qofol ta` li kien jirrigwarda lil Ben Nasan.*

*Meta Ben Nasan ipprezenta n-nota li kien ordnat jipprezenta mill- Qorti tal-Magistrati, huwa fisser l-oggett tal-prova li ried jikseb bix-xiehda ta` Grech Mintoff.*

*..........*

*Tenut kont tal-assjem ta` fatti u cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li a priori jista` jinghad li Grech Mintoff ghandu jitqies bhala xhud inammissibbli meta lanqas ghandu beda jiddeponi fuq il-qofol tal-prova li jrid jaghmel Ben Nasan bid-deposizzjoni tieghu.*

*Jirnexxielux jikseb dak li jixtieq bid-deposizzjoni ta` Grech Mintoff hija kwistjoni ohra ghaliex waqt li jkun qed jaghti x-xiehda tieghu Grech Mintoff, il-Qorti tal-Magistrati sejra tkun attenta li taccetta dak biss li huwa permess mil-ligi, fosthom provi li jkunu rilevanti ghall-kaz.*

*Imma li Grech Mintoff fi stat tant bikri tad-deposizzjoni tieghu jitqies bhala xhud inammissibbli mhuwiex accettabbli ghaliex jikser il-jedd tas-smigh xieraq ta` Ben Nasan.*

*Il-fattur tar-rilevanza ghandu jkun accertat fil-kors tad-deposizzjoni ta` Grech Mintoff.*

*L-attendibilita` o meno tax-xiehda moghtija minn Grech Mintoff, li tkun accettata bhala ammissibbli, hija materja li tispetta lill-Qorti tal-Magistrati meta tigi biex taghmel l-apprezzament tal-assjem tal-provi, qabel tigi biex taghti s-sentenza taghha".*

4. B'rikors preżentat fis-7 ta' Frar, 2020, l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti. Isostni li huma l-Qrati Kriminali li

għandhom jiddeċiedu jekk prova hijiex rilevanti jew ammissibbli u l-kwistjoni dwar ir-rilevanza tal-prova għandha tkun deċiża mill-Qorti li qiegħda tisma' l-meritu tal-kawża kriminali u mhux mill-qorti f'proċeduri li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet fundamentali. Kompla:-

> *"11. Għalkemm ovvjament id-difiża għandha kull jedd li tipproduċi xhieda pero' dan il-jedd mhuwiex wieħed assolut u għalhekk l-appellat m'għandu l-ebda jedd fundamentali li jtella' x-xhieda kollha li jrid hu mingħajr ebda limiti. Il-Qorti għandha dejjem is-setgħa li tikkontrolla u tiskrutinizza r-relevanza u l-ammissibilita' ta' xhieda mitluba mill-partijiet f'kawża, ħaġa li tiġri kuljum fil-Qrati tagħna".*

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

5. Il-kawża kriminali li qiegħda tinstema' kontra l-appellat tikkonċerna ħruġ ta' visa għall-persuni li jinsabu l-Libja sabiex jiġu Malta għall-kura. L-appellat kien allega mal-pulizija li kien għadda eluf ta' ewro lil Neville Gafa sabiex jinġiebu persuni f'Malta biex jingħataw kura f'Malta fi sptarijiet. Allega li għalkemm kien talab lil Gafa sabiex jagħtih il-flus lura, baqa' ma tħallasx lura għalkemm kien jitolbu jagħtih ċans sabiex iħallsu lura l-flus li kien irċieva. Il-pulizija investigat il-każ u spiċċat tressaq lill-appellat u takkużah li ħoloq traċċi ta' reat, għamel rapport falz lill-pulizija, u għamel attentat ta' qerq billi ħoloq provi bil-għan li jagħmel qligħ minn fuq Neville Gafa'.

6. Kull min hu akkużat b'reat għandu l-jedd fundamentali li jressaq xhieda. F'dan ir-rigward:

i. Artikolu 39(4) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li kull min hu akkużat b'reat kriminali, *"(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li* ***jikseb l-attendenza ta' xhieda*** *suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni"*.

ii. Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, *"(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin....... (d) li jeżamina jew li wara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li* ***jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu*** *taħt l-istess kondizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu"*.

7. Fis-sentenza ***Horncastle and Others v. the United Kingdom*** (4184/2010) tas-16 ta' Diċembru, 2014, il-QEDB qalet:

> *"130. As the Court has consistently underlined, the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task is to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see, among other authorities, Van Mechelen and Others v. the Netherlands, 23 April 1997, § 50, Reports of Judgments and Decisions 1997-III; Gäfgen v. Germany [GC], no. 22978/05, § 162, ECHR 2010; and Al-Khawaja and Tahery, cited above, § 118)"*.

8. Ovvjament f'dan l-istadju mhuwiex possibbli li jekk ma jinstemax ix-xhud Grech Mintoff, wieħed jiddeċiedi x'impatt ser ikollu dak il-fatt *on the overall fairness* tal-proċess kriminali. Wieħed jista' jargumenta li għalhekk hu prematur li tittieħed deċiżjoni f'dan l-istadju. Madankollu wieħed irid jiftakar li skont il-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319), ilment jista' jsir meta persuna tallega li wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali *"(4)..... jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun* ***x'aktarx ser jiġi miksur dwarha*** *......".* Bid-digriet li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ser ifisser li Grech Mintoff ma jixhedx bħala xhud tal-appellat.

9. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2019, Grech Mintoff xehed biss li kellu programm ta' diskussjoni li kien jixxandar fuq it-televixin u li wieħed mill-programmi kien dwar visas li jinħarġu għal nies li qegħdin fil-Libja li jiġu Malta per eżempju għall-kura medika. Kompla, *"Iltqajt ma' Khaled Ibrahim Ben Nasan peress li konna qed ninvestigaw wieħed minn dawn il-programmi u bdejt inkellmu fuq dan il-każ u tani d-dettalji fuq l-affarijiet".* F'dak l-istadju l-Qorti waqfitu u ordnat lill-appellat sabiex jippreżenta n-nota u jispjega xi prova ried jagħmel bix-xhud.

10. B'nota preżentata fis-6 ta' Marzu, 2019, l-appellat spjega l-prova li ried jagħmel bix-xhud, u ċioe` li:-

*"Ix-xhud Ivan Grech Mintoff jista' jixhed fuq is-segwenti fatti li huwa jaf bihom b'mod personali u mhux li rriżultawlu minn terzi fil-vesti ta' ġurnalist:-*

*a) Fl-2016 huwa pprepara program ghat-television li fih kellu jidher l-esponenti biex jitkellem dwar il-flus li l-Libjani kienu ghaddewlu biex itihom lis-Sur Neville Gafa, biex huma jkunu jistghu jigu ghal kura f'Malta.* ***Xi jiem qabel ma xxandar dan il-programm, u wara li kien diga qed jigi reklamat, ix-xhud l-ewwel ircieva offerti biex ma jxandarx tali progamm, u sussegwentement ircieva theddid, bhalma fl-istess zmien ircieva theddid l-esponent, liema theddid huwa mertu ta' din il-kawza****.*

*b)* ***Huwa jista' jsemmi b'isimhom il-persuni li jghixu l-Libja, li offrew lill-pulizija li jigu Malta jixhdu fil-kawzi li jirrigwardaw il-hlasijiet li kienu qed jaghmlu l-pazjenti Libjani lil Neville Gafa u/jew lil awtoritajiet Maltin, izda l-pulizija qatt ma hallewhom jigu Malta ghal dan****. Wara li l-Qorti ohra giet mgharrfa permezz tax-xhieda tas-Sur Mintoff d-dettalji ta' tali xhieda hija se tisma' uhud minn dawn x-xhieda permezz ta' Skype".*

11. Ir-regola hi li għandha tinġieb l-aħjar prova (Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali). Inoltre, skont l-Artikolu 520(2) tal-Kodiċi Kriminali:-

*"(2) Il-qrati hawn fuq imsemmija għandhom is-setgħa li ma jħallux li jsir fil-provi, fit-trattazzjoni jew fid-difiża, dak kollu li, fil-fehma tal-qorti, jista' jġib dewmien mhux meħtieg,* ***jew ma jkunx rilevanti****, jew ma jkollux x'jaqsam max-xorta tal-kawża".*

12. M'hemm l-ebda prova li Ivan Grech Mintoff mhuwiex xhud kompetenti. Hi kwistjoni oħra jekk dak li ser jixhed dwaru jistax iservi bħala prova.

13. Id-digriet li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali waqt is-seduta tal-14 ta' Marzu, 2019, jaqra:-

*"Peress illi fi kwalunkwe każ dan li hemm indikat fin-nota* ***mhux rilevanti għar-reati li bihom qed jiġi addebitat l-imputat tiddikjara li x-xhud Ivan Grech Mintoff inammissibbli*** *naturalment* ***mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-imputat li jressaq dawk il-provi anke fuq***

> ***informazzjoni li seta' għaddielu x-xhud rikjest Ivan Grech Mintoff u liema xhieda jistgħu jagħtu informazzjoni relevanti għall-każ in eżami***".

14. Raġunament li jagħti wieħed x'jifhem li l-Qorti ma kinitx ser tippermetti li Grech Mintoff jixhed fuq kliem li qal ħaddieħor. Ovvjament dan għadu mhuwiex magħruf għaliex ix-xhud twaqqaf milli jkompli jixhed fi stadju meta kien għadu fl-introduzzjoni tad-depożizzjoni. Ir-regola ġenerali hi li l-qorti *"..... ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qal ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti"* (Artikolu 598 tal-Kap. 12). Fil-fatt sub-Artikolu (2) ta' dik l-istess dispożizzjoni tagħti wkoll il-jedd lill-qorti li *ex officio*, *"....... ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk"*. Dispożizzjoni li tapplika għall-proċeduri kriminali wkoll bis-saħħa tal-Artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali. Pero' hemm ukoll ċirkostanzi fejn skont l-Artikolu 599 tal-Kap. 12 xiehda fuq kliem ħaddieħor hi ammessa. Dik id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-proċeduri kriminali wkoll bis-saħħa tal-Artikolu 645 tal-Kap. 9.

15. Bl-ordni li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet li ħadet deċiżjoni qabel instema' x-xhud dwar il-meritu. Dan ma kienx każ fejn ix-xhud saritlu domanda li l-Qorti kellha jedd li ma tħallix li ssir minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 598 tal-Kap. 12. Veru li l-appellat spjega xi prova ried jagħmel bix-xhud, pero` fil-fehma ta' din il-Qorti ma kellhiex tittieħed deċiżjoni daqslikieku dak kollu li kien ser

igħid Grech Mintoff kien *hearsay evidence*. Dan apparti li kif rajna hemm ċirkostanzi fejn il-liġi tagħti l-opportunita` lill-parti li jressaq xhieda fuq kliem ħaddieħor. Ċirkostanzi li jidher ma ġewx ikkunsidrati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, f'każ fejn jidher li x-xhieda prinċipali li jrid iressaq l-appellat qegħdin fil-Libja. Hu evidenti li l-appellat irid iressaq provi li fir-realta` l-verżjoni li rrakkonta lill-pulizija għandha mis-sewwa, fis-sens li ta lil Gafa eluf ta' ewro sabiex pazjenti fil-Libja jiġu Malta u jingħataw il-kura medika li kellhom bżonn, iżda qatt ma nħarġitilhom visa biex jivvjaġġaw lejn Malta (ara per eżempju l-istqarrija li ta lill-pulizija fis-6 ta' Ġunju, 2016).

16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tikkonkludi li m'hemmx bażi sabiex jintlaqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

**Tordna lir-Reġistratur sabiex jieħu ħsieb li kopja ta' din is-sentenza titpoġġa fl-atti tal-proċeduri kriminali li għandhom jintbagħtu lura**

**lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li qiegħda tisma' l-kawża kriminali.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da